# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU 1406

Kaz Nru 1487

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Steve Camilleri

u

Group 4 Services Ltd.

dwar tkeccija mill-impieg allegata
li hi ngusta

Data: 15 ta' April 2003

**Chairman: is-sur Franco Masini**

## 1 Introduzzjoni

Dan il-kaz gie mibghut lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Vici-Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali fis-17 ta' Novembru 2000 b'riferenza MSP/TI/75/2000 wara li s-sur Andrew Mizzi, Segretarju Taqsima Teknologija u Elettronika tal-GWU kien kiteb lill-Onorevoli Ministru fl-14 ta' Novembru 2000 f'isem is-sur-Steve Camilleri fejn qal li l-licenzjament tas-Sur Camilleri mis-socjeta` Group 4 Services Ltd kienet allegatament ghal raguni ngusta. Is-socjeta`, li kienet rapprezentata mis-sur Yves DeBarro, *Managing Director*, assistit mis-sur Alfred Mallia Milanes, innegat dan. Gew mizmuma 19 il- seduta.

## 2 Fatti tal-Kaz

L-Appellant allega li huwa gie licenzjat illegalment nhar il-21 ta' Ottubru 2000 ghax allegatament naqas mid-doveri tieghu waqt li kien ghassa mall-fabrika HF6 Halfar nhar il-Hadd 15 ta' Ottubru 2000. Dana permezz ta' ittra iffirmata mil-*Managing*

*Director* ta' dak iz-zmien, is-sur Ray Attard. Il-Kumpanijja Appellata tghid li l-Appellant kien gie licenzjat wara sensiela ta' nuqqasijiet gravi li l-ahhar wahda kienet meta *dispensing machine* li kienet fil-fabbrika li kien jghasses l-Appellant sfat imkissra.

**3 Kunsiderazzjonijiet**

Dan il-kaz ipprezenta lit-Tribunal xenarju tassew kurjuz. Ma' tul is-smiegh tieghu deher car illi kien hemm bhal speci ta' zewg interpretazjonijiet tal-istess kaz. Kien qisu kien hemm zewgt ucuh ta' munita wahda. Mill-banda l-wahda l-Appellant gie prezentat bhala vittima ta' kongura kontrih li kienet mhawwra b'montaturi biex ipinguh verament ikrah. Mill-banda l-ohra l-Appellant gie prezentat bhala bniedem li l-hajja lavorattiva tieghu mall-Kumpanijja Appellata kienet tikkonsisti f'sensiela ta' incidenti kollha ta' certa gravita' li wasslitu biex jigi mkecci. Li inkwieta mhux ftit lit-Tribunal kienu numru ta' gurmenti foloz li ittiehdu minn xi xhieda. Prova ta' dan kien il-fatt li minkejja konfronti li saru min ta x-xhieda tieghu baqa jinsisti li l-versjoni tieghu kienet dik korretta avolja nnegata mix-xhud oppost.

Affaccjat minn din is-sitwazzjoni t-Tribunal ma kellux triq ohra hlief li permezz tal-bilanc ta' probabbilta` jipprova jsib tarf biex jasal ghall-verita`. Ghaldaqstant gie ezaminat bir-reqqa incident wiehed ta' gravita` kbira li jidher li ghal dawk li huma fatti hemm bejn wiehed u iehor qbil fuqu anke mill-istess Appellant. Dana huwa l-kaz fejn l-Appellant kien ghassa mall-bini tad-Dipartiment tal-VAT fit-3 ta' April 2000 ma' tul il-lejl. L-Appellant f'xi hin dahal fil-*penthouse* tal-istess bini, post li huwa rikonoxxut bhala *restricted area* u hemm uza t-*telephone* u huwa allegat li pejjep xi sigarrett avolja dan mhux permissibbli. Biex ghamel dan huwa kellu jiehu cavetta apposta li kienet f'*envelope* ssigillat u meta poggiha lura huwa naqas li jilloggja l-fatt li kien dahal f'dan il-post sensittiv. Basikament il-fatti huma accettati anke mill-istess Appellant li ma jaqbilx biss ma xi dettali, bhal dik tat-tipjip. Huwa ghandu spjegazzjoni ghal kollox ghad li mhux dejjem b'mod konvincenti.

It-Tribunal ghazel li jiehu u jikkumenta dan l-incident ghax huwa forsi l-uniku wiehed minn dawk imsemmija li hemm *grosso modo* qbil fuqu. Dan il-kaz huwa ta' certa gravita` ghaliex l-Appellant bil-mod kif agixxa barra milli kiser l-ordnijiet vigenti seta' jippregudika serjament il-kuntratt li l-Kumpanijja Appellata kellha ma' klijent importanti. In-nuqqasijiet tal-Appellant f'dan il-kaz kienu hafna u serji. Huwa jghid li sema` hoss kbir gej minn x'imkien. Flok avza 'l *base* kif kien suppost jaghmel beda jfittex 'l hawn u 'l hemm inkluz li jiehu cavetta tar-*restricted area*. Hemm huwa fetah il-bieb u dahal u meta accerta ruhu li ma kien hemm xejn uza t-*telephone* diversi drabi. Dana ghall-ewwel huwa nnegah izda meta konfrontat b'*records* bil-miktub, ghaliex it-*telephone* kien monitorjat, huwa ta spjegazzjoni fjakka. Meta rritorna huwa rega` pogga ic-cavetta fl-*envelope* u jghid li ssigillah bit-*tape* u ffirmah. Izda dan mhux accettat ghal kollox. Izda l-iktar haga gravi hija li naqas li jilloggja l-fatt li kien fetah u dahal fir-*restricted area*.

It-teorija tal-Appellant li huwa kien vittma ta' xi ufficjal imqabbad mieghu almenu f'dan l-incident ma tregix. Il-Kumpanijja kienet tkun assolutament korretta li kieku illicenzjatu minhabba l-agir tieghu. Minflok hija taghtu twissija u ma haditx passi ulterjuri fuq dan il-kaz. Intqal ukoll illi l-*management* kien sensittiv ghal xi problemi familjari li seta` kellu l-Appellant.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi wara li tqies kollox il-kredibilta` tal-Appellant ma tantx tista' toqod fuqha.

L-incidenti kollha li ssemmew kienu ta' natura gravi, partikolarmnet minhabba l-pozizzjoni delikata ta' sigurta` li kien jokkupa l-Appellant. Kemm individwalment u iktar u iktar komplessivament dawn l-incidenti kienu jirrendu l-licenzjament tal-Appellant gustifikat.

**4 Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali jsib li t-tkeccija tal-Applellant Steve Camilleri mill-Kumpanijja Appellata Group 4 Services Ltd kienet wahda gusta u sufficjenti.

B'hekk jintemm dan il-kaz.

**5 Drittijiet**

Ghall-finijiet tal-Avviz Legali numru 48 tal-1986 it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' £M40 kull wiehed.

Franco Masini
Chairman

Mary Rose Galea
A/Segretarja